**Kunsill Reġjonali Għawdex**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 146/2025**

**It-Tlieta, 23 ta' Settembru, 2025**

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa il-*boardroom* fil-lukanda Kempinski (peress li fl-uffiċċju tar-Reġjun m'hemmx spazju). Il-laqgħa bdiet fis-6:00 ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr. Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur David Apap Agius | Sindku, Kunsill Lokali Għarb |
| Is-Sur Paul Buttigieg | Sindku, Kunsill Lokali Qala |
| Is-Sinjura Marion Portelli | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Xagħra |
| Is-Sur Stephen Mercieca | Kunsillier, Kunsill Lokali Għajnsielem |
| Is-Sur Mario Azzopardi | Sindku, Kunsill Lokali Kerċem |
| Is-Sur Baskal Saliba | Sindku, Kunsill Lokali Żebbuġ |
| Is-Sur Noel Formosa | Sindku, Kunsill Lokali San Lawrenz |
| Is-Sur Philip Cassar | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Sannat |
| Is-Sur Thomas Mizzi | Sindku, Kunsill Lokali Fontana |
| Is-Sinjorina Carmen Parnis | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Munxar |
| Is-Sur Kevin Curmi | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Nadur |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

Kunsill Lokali Għasri

**ASSENTI:**

Kunsill Lokali Xewkija

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Rita Mifsud Attard Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il President ippresjeda l-laqgħa.

**146.1 <u>Laqgħa mal-Programme Manager (EUI & URBACT) flimkien mas-SEM.</u>**

146.1.1 Qabel ma bdiet il-laqgħa saret preżentazzjoni minn żewġ uffiċċjali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fis-sezzjoni tal-EU Affairs. Is-Sinjorina Judy Cassar, Programme Manager (EUI & URBACT) provdiet spjegazzjoni dwar il-programm European Urban Initiative (EUI), City to City Exchange. Attenda ukoll b'mod virtwali, Dr. Darren Grasso, Head Project Support tas-SEM (Servizzi Ewropej f'Malta). Il-membri preżenti kellhom l-opportunita' jistaqsu dwar dan il-programm u ġew informati li ser ikun hemm sezzjoni nformattiva nhar il-Ħamis dwar **Peer Reviews and City-to-City exchanges**. Ser jintbagħtu l-informazzjoni dwar dan il-programm kif ukoll dwar is-sezzjoni online lir-Reġjun Għawdex biex jintbagħtu lill-Kunsilli Lokali.

**146.2 <u>Talba</u>**

146.2.1 Wara li tlestiet l-preżentazzjoni mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali flimkien mas-SEM ingħad it-talb tal-bidu.

**146.3 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.</u>**

146.3.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa 145 li kienu ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Dawn ġew approvati.

**146.4 <u>Korrispondenza.</u>**

146.4.1 Ir-Reġjun irċieva acknowledgement mingħand il-Ministeru tal-Finanzi dwar il-proposti mibgħuta mir-Reġjun f'isem il-Kunsilli Lokali għall-baġit 2026.

146.4.2 Il-Kunsill Reġjonali Għawdex irċieva risposta mingħand il-Kunsill Lokali ta' Ta' Kerċem dwar l-attivita' organizzata minnhom tal-Orionid Meteor Shower. Huma ssuġġerew li l-Kunsill Reġjonali Għawdex jagħti vowċers lill-Kunsill Lokali Għawdxin f'din l-okkażjoni sabiex ikollu l-ħin meħtieġ biex jagħmel sejħa pubblika għax-xiri ta' teleskopji. Il-membri preżenti qablu ma dan is-suġġeriment.

146.4.3 Il-Kunsill Reġjonali Għawdex irċieva risposta mis-CEO tal-LESA, is-Sur Svetlick Flores dwar it-talba tas-Sindki Għawdxin biex ikollhom l-istess servizzi provduti bħal dawk ta' Malta fejn jidħol l-Infurzar tal-permessi. Ir-risposta tas-CEO hija li l-Kunsilli għandhom il-poter biex jagħmlu dan mill- LS 65.13. Is-Sindki ma kienux kuntenti b'din ir-risposta iżda talbu sabiex is-Sur Flores jgħin lill-Kunsilli Lokali Għawdxin biex jiġu trattati bl-istess servizzi bħal Kunsilli Lokali Maltin.

146.4.4 Ir-Reġjun Għawdex irċieva żewġ ittri mill-AUC International dwar it-tielet edizzjoni tal-Kamp tas-sajf għat-tfal mill-Ukrajna. Waħda mingħand is-Sindku ta' Sudova Vyshnia u t-tieni ittra mingħand id-direttur eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Bliet Ukreni. Huma irringrazzjaw lill-Kunsilli Lokali li pparteċipaw (Fontana, Għajnsielem, Għasri, Kercem, Munxar, Rabat, San Lawrenz, Sannat, Xagħra, Xewkija u Żebbuġ) kif ukoll lin-Nadur Teen Youth Center. Irringrazzjaw speċjalment lill-ħaddiema tar-Reġjun li ħadmu fuq dan il-proġett (Rita Mifsud Attard, Fabian Galea u Peter Ray Said).

146.4.5 Ir-Reġjun Għawdex fakkar lill-membri preżenti dwar il-laqgħa online organizzata minn l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali mal-HRD (Human Rights Directorate) nhar it-Tlieta 7 ta'

Ottubru fil-5:30 p.m. Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-membri preżenti li hi bagħtet calender invite għal din il-laqgħa.

146.4.6 Ir-Reġjun Għawdex irċieva korrispondenza mingħand Richard Stedall (Malta Bus Archive Co-Ordinator) dwar ktieb li ser jiġi ppubblikat bl-isem "Gozo 10 ,- The 100th Anniversary of the Gozo Bus Industry – 1925 to 2025". Il-ktieb huwa ta' 624 il-paġna b'aktar minn 1400 ritratt. Il-President tar-Reġjun issuġġerixxa li r-Reġjun iqassam dan il-ktieb mal-ikla li titqassam fil-Milied fl-inizjattiva ta' Milied Solidali. Diversi Sindki talbu wkoll li jingħata kopja għall-libreriji tal-lokalitajiet. Kien hemm qbil li nixtru numru ta' dan il-ktieb għal dan il-għan. Peress li r-Reġjun ser jixtri aktar minn 100 ktieb u jkollu prezz ridott, kif ukoll l-opportunita' li jagħmel messaġġ fuq dan il-ktieb.

146.4.7 Ir-Reġjun irċieva talba mingħand Dun Effie Masini bħala Direttur ta' Oratorju Don Bosco dwar produzzjoni ta' musical "Beauty and the Beast. Huma talbu għajnuna finanzjarja għal dan il-għan. Il-President issuġġerixxa li dawn jingħataw il-fondi li kienu ser jingħataw għall-produzzjoni ta' Moana Jr, peress li dan ma rnexxiex. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tara jekk dan humiex eliġibbli peress li hemm diversi kundizzjonijiet skond il-kuntratt iffirmat mal-LGD.

**146.5 <u>Approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart April-Ġunju 2025.</u>**

146.5.1 Ġie ppreżenat ir tieni rapport tas-sena 2025 ta' kull kwart. Dan kien ġie iċċirkolat minn qabel u għaldaqstant, ġie ikkunsidrat li nqara. Is-Segretarja tat rendikont qasir tal-figuri u nformat lill-membri preżenti li r-Reġjun Għawdex jinsab f' pożizzjoni finanzjarja tajba. Fakkret ukoll li fil-kontijiet bankarji tar-Reġjun għad fadal fondi tad-Diviżjoni għal-Gvern Lokali li jridu jiġu trasferiti lill-Kunsilli Lokali skont kif jiġi nformat ir-Reġjun minn l-istess Diviżjoni. Ir-rapport ġie approvat.

**146.6 <u>Jum Għawdex 2025.</u>**

146.6.1 Il-membri preżenti ġew informati li ċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa ta' Sant' Ursula ser isiru nhar il-Ħadd 19 ta' Ottubru filwaqt li Jum Għawdex ser jiġi ċċelebrat nhar il-Ħadd 26 ta' Ottubru (peress li dakinhar ser tkun disponibbli l-E.T. il-President ta' Malta). Din is-sena l-Ministeru għal Għawdex ser jarma tinda fi Pjazza Indipendenza u għalhekk it-tqegħid tal-Kuruni tal-fjuri quddiem il-monument tal-Arċipriet Mons. Saver Cassar ser issir wara l-Pontifikal u kif ukoll l-għoti ta' Ġieħ Għawdex. Is-segretarja ser tibgħat invit lill-Membri tal-Kunsilli Lokali kollha.

**146.7 <u>Materji Oħra.</u>**

146.7.1 Is-Sindku ta' Ta' Kercem ġibed l-attenzjoni li qed isiru aktar charging pillars fil-lokal ta' Ta' Kercem u dan meta l-Kunsill wera il-pożizzjoni tiegħu li hemmx bżonn aktar charging pillars fil-lokal għax minħabba dawn qed jittieħdu aktar spazji ta' parkeġġ mir-residenti. Is-Sindku, s-Sur Mario Azzopardi qal li dawn qed isiru f'postijiet mhux issuġġeriti mill-Kunsill u li l-Kunsill qed jiġi mġiegħel jaċċetta s-suġġerimenti tal-EWA (Energy and Water Agency). Hu talab l-intervent ta' Reġjun Għawdex sabiex din is-sitwazzjoni tiġi rimedjata. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tibgħat email lill-uffiċċju tal-EWA dwar dan.

146.7.2 Is-Sindku tal-Għarb, is-Sur David Apap ilmenta dwar l-ammont ta' quad bikes li qed jgħaddu minn ġot-toroq tal-Għarb b'veloċita għolja, storbjużi u jikkawżaw it-traffiku. Hu talab sabiex ir-Reġjun jibgħat korrispondenza lill-Kummissarju tal-Pulizija, LESA u l-Ministru risponsabbli mill-Pulizija. Il-membri preżenti qalu li fl-irħula tagħhom

għandhom l-istess problemi u qablu li tintbagħat korrispondenza kif ġie mitlub mis-Sindku tal-Għarb.

146.7.3 Is-Sindku taż-Zebbuġ, is-Sur Baskal Saliba qal li hu għandu problema bl-ipparkjar ta' Caravans fil-lokal tiegħu. Is-Sur Saliba ġie mgħarraf li dawn il-permessi jiġu approvati mid-Diviżjoni għal Gvern Lokali u mhux mill-Kunsilli Lokali. Kien hemm legal notice dwarha.

146.7.4 Is-Sur David Apap, Sindku tal-Għarb ilmenta dwar meta l-borża tal-organic qed tinqasam waqt il-ġbir tal-iskart dan qed jitħalla fl-art. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tinforma lill-maniġer inkarigat mill-ġbir tal-iskart dwar dan.

146.7.5 Is-Sur Philip Cassar, Viċi Sindku ta' Ta' Sannat ilmenta dwar il-fatt li huwa obligatorju li jinġabar il-ħmieġ tal-klieb mis-sidien, mentre li jinġabar il-ħmieġ taż-żwiemel mhux obligatorju. Hu kompla jgħid li qed ikun hemm ħafna ħmieġ taż-żwiemel speċjalment f'Ta' Sannat.

146.7.6 Is-Sindku tal-Għarb ilmenta dwar il-fatt li l-għases tal-Puliżija kollha huma magħluqin ħlief tar-Rabat u ta' Marsalforn. Hu qal li għandu jkun hemm għassa waħda miftuħa fin-naħa tal-Punent, kif ukoll waħda fuq in-naħa tal-Ilvant sabiex ir-residenti jkunu moqdija.

## 146.8 <u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti.</u>

146.8.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 157 li kienet tammonta għal €254,460.25.

## 146.9 <u>Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss.</u>

144.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19:40 u ġiet skedata għal nhar it-Tlieta, 28 ta' Ottubru fis-6:00 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATI**

____________________

Dr. Samuel Azzopardi
President

**IFFIRMATI**

____________________

Rita Mifsud Attard
Segretarju Eżekuttiv